# MILL-EWWEL ĠEBLA SAS-SALIB

JOHN XERRI

Sa mill-bidu tas-seklu għoxrin, il-poplu Xewki wera x-xewqa tiegħu li jibni knisja ġdida, peress li l-popolazzjoni tar-raħal baqgħet dejjem tiżdied. L-ewwel attentat biex tinbena knisja ġdida kien fi żmien l-Arċipriet Pietru Pawl Ciantar segwit mis-suċċessur tiegħu Dun Anton Grima, però t-talba tagħhom dejjem ġiet miċħuda.
Fi żmien l-Arċipriet Dun Ġużepp Grech, il-knisja baqgħet tinħass iktar ċkejkna għall-popolazzjoni tax-Xewkija. Għaldaqstant, wara li ħa l-pussess tiegħu bħala Arċipriet tal-parroċċa, reġa' għamel it-talba biex tinbena knisja ġdida fix-Xewkija. Sa dan iż-żmien, l-Isqfijiet qatt ma kienu approvaw permessi biex jinbena tempju ġdid fix-Xewkija, prinċipalment minħabba l-iskultura li kienet tinsab f'din il-knisja qadima, li hija ċertament unika għall-gżejjer tagħna u anke peress illi kien hemm biża', li sa meta jitlesta x-xogħol fuq knisja ġdida, il-parroċċani ma jkollhomx post fejn isiru s-servizzi liturġiċi.

Wara numru ta' diskussjonijiet bejn Mons. Ġużeppi Pace l-Isqof ta' Għawdex, l-Arċipriet Ġużepp Grech, il-kleru u delegazzjoni mill-poplu, Mons. Isqof ċeda għall-insistenza tax-Xewkin u tenna dawn il-kelmiet, "Ibdew iġbru l-flus sabiex meta jkollkom somma sabiħa tiġi mitmuma x-xewqa tagħkom u tal-antenati tagħkom u tibdew knisja ġdida." Din il-wegħda saret bil-patt illi l-iskultura antika tiġi presevata f'mużew mibni apposta għaliha u bil-patt illi l-poplu jibqa' servut tajjeb fil-qadi tas-servizzi reliġjużi. Kien propju Ħadd qabel il-festa tas-sena 1948 meta l-Arċipriet il-Wisq Reverendu Dun Ġużepp Grech ħabbar minn fuq il-pulptu illi d-diffikultajiet li kienu ltaqgħu magħhom ta' qabilhom, issa, kienu ġew kollha mirbuħa u kien wasal iż-żmien li x-Xewkin jibdew ħidmiethom fuq il-proġett ta' knisja ġdida. Fl-istess diskors tiegħu, l-Arċipriet kien għamel talba għall-kuraġġ, volontà tajba u sagrifiċċju, filwaqt li talab lil kulħadd biex jgħin mill-aħjar li seta' sabiex iwettqu l-ħolma tagħhom.

Il-poplu wieġeb b'ġenerożità għal dan l-appell u għaldaqstant, meta bdew isiru ġabriet ta' flus u anke ġbir ta' deheb, kulħadd ikkontribwixxa mill-aħjar li seta'. Il-pjanti ta' dan il-proġett ġew afdati f'idejn il-Perit Ġużè Damato li laqa' bil-ferħ dan ix-xogħol. Min-naħa tiegħu, huwa wiegħed li jibni knisja tonda madwar il-qadima, li jkollha l-kapaċità li tesa' elfejn ruħ bilqiegħda u erbat elef bilwieqfa. Kull min ra din il-pjanta, baqa' mistagħġeb bil-kobor u ġmiel tagħha.

It-tul ta' din il-knisja tonda huwa ta' 208 pied minn ġewwa u l-ikbar wisgħa huwa ta' 140 pied. Id-dijametru fil-għoli tal-koppla huwa ta' 82 pied minn ġewwa u 90 pied minn barra. Din il-koppla tistrieħ fuq tmien kolonni li huma tal-ferrokonkrit, miksija bil-ġmiel tal-ġebla Għawdxija.

Fuq xewqa ta' dan l-istess Perit, l-ippjantar tal-knisja l-ġdida beda fid-19 ta' Novembru 1951. Tajjeb li wieħed jinnota illi peress li huwa kien devot kbir ta' San Ġużepp, kull opra kbira li ħarġet minn taħt idejh, dejjem kienet mibdija fid-dsatax tax-xahar u l-ebda xogħol ma fallielu.



It-tqegħid solenni tal-ewwel ġebla sar fl-4 ta' Mejju 1952 mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex. Dakinhar kull Xewki kif ukoll numru kbir ta' Għawdxin u Maltin oħra kienu miġbura madwar l-Isqof, l-Arċipriet u l-kleru biex jingħaqdu fil-ferħ ta' ġrajja hekk kbira. Mons. Isqof ġie milqugħ trijonfalment minn għadd kbir ta' muturi u oħrajn fuq iż-żwiemel li skortaw il-karozza mill-palazz Veskovali sax-Xewkija. Meta l-karozza tal-Isqof waslet fejn il-mitħna ta' tarf ir-raħal, din ġiet miġbuda bil-ħbula sal-pjazza akkumpanjata

mill-Banda Leone. L-Isqof qiegħed u bierek l-ewwel ġebla li kienet tiżen tunnellata. F'ħofra li tħaffret f'din il-ġebla, huwa poġġa xi muniti tad-deheb u tal-fidda, medalji tal-qaddisin u tubu tal-ħġieġ li fih kien hemm il-parċmina li tfakkar it-tqegħid ta' din il-ġebla. Ix-xogħol fuq il-knisja l-ġdida ssokta ġmielu, tant illi fis-16 ta' Lulju 1964 sar l-ewwel ċirku tal-koppla l-kbira. X'aktarx dan kien l-iktar proġett kbir li sar f'temp ta' ġurnata waħda tant li ħa elf u tliet mitt xkora siment u fih ħadmu mitejn u ħamsin persuna. Fl-4.30am ingħataw it-tiri li ħabbru l-bidu ta' din il-ġurnata xogħol li ntemmet fis-7.00pm, kollox taħt is-superviżjoni tal-Perit Damato.



Il-poplu flimkien mal-emigranti Xewkin baqgħu jikkontribwixxu bi ġbir ta' flus, bhejjem u prodotti agrikoli u s-sajjieda kienu anke joffru sehem mis-sajda tagħhom. Kull ġimgħa kienet issir 'il-ġabra tax-xelin' minn kull familja li kienet ta' għajnuna kbira sabiex tkopri l-finanzjarjament ta' dan il-proġett jekk ambizzjuż.



Kull mibdi mitmum u t-tempju monumentali ta' San Ġwann Battista tlesta mill-bini tiegħu. Fil-31 ta' Mejju 1970 sar it-tqiegħed tas-salib fuq il-koppla. Dan is-salib twil tmien piedi u wiesa' sitt piedi, tqiegħed fuq trakk dekorat bil-liedna u l-weraq tar-rand, dar mat-toroq prinċipali tar-raħal sa ħdejn il-mitħna, minn fejn tmintax-il sena qabel ix-Xewkin laqgħu lill-Isqof Pace biex isir it-tberik tal-ewwel ġebla. In-Nunzju Apostoliku Mons. G. Majoli kien skortat minn ħdejn il-mitħna minn għadd ta' żwiemel u muturi sal-misraħ ewlieni, fost id-daqq ferrieħi tal-Banda Prekursur, daqq ta' qniepen u nar tal-ajru. Żgur li l-pjazza qatt ma rat folla hekk kbira daqs dakinhar. Wara diskors sabiħ tal-okkażjoni mill-Wisq Reverendu Arċipriet Grech, sar it-tberik tas-salib min-Nunzju Apostoliku. Fost iċ-ċapċip kbir u għajjat ta' evviva s-salib ġie meħud minn ġol-pjazza u mtella' bilmod għal fuq il-boċċa tal-lanterna li fiha għoli ta' 245 pied.



Illum, ħamsin sena wara t-tqiegħed tas-salib, imqiegħed fuq il-boċċa tal-lanterna li tistrieħ fuq il-koppla maestuża, xogħol l-imgħallem Ġużepp Vella, dan is-simbolu ta' kristjaneżmu huwa xhieda ta' fidi u ta' mħabba li l-poplu Xewki għandu lejn San Ġwann Battista - propju kif hemm imnaqqax fuq il-portiku tar-Rotunda "TEMPLUM SANCTO JOANNI BAPTISTAE DICATUM".



# SOLENNITÀ TAT-TBERIK U TQEGĦID TAS-SALIB FUQ IL-KOPPLA TAR-ROTUNDA L-ĠDIDA TAX-XEWKIJA, GĦAWDEX.

*TRADUZZJONI TA' IVAN FARRUGIA MIT-TALJAN GĦALL-MALTI TAD-DOKUMENTAZZJONI TAL-ARĊIPRIET ĠUŻEPPI GRECH*

Fil-jum tal-31 ta' Mejju 1970 fil-ħin tal-4.30pm, wasal minn Malta n-Nunzju Appostoliku għal Malta Monsinjur Arċisqof Titulari Mons. Giuseppe Majoli u Mons. Nikol Cauchi, Isqof Amministratur Apposoltiku għal Għawdex, skortati minn muturi u mbagħad, minn ħdejn ir-roundabout akkumpanjati miż-żwiemel u mill-Banda Prekursur. Is-salib, imqiegħed fuq vettura mżejna apposta għalih, miexja quddiem in-Nunzju.

Fil-5.00pm, is-salib, f'nofs il-pjazza, quddiem palk, fejn kien hemm in-Nunzju Appostoliku, l-Isqof Mons. Nikol Cauchi, l-Arċipriet Giuseppi Grech, monsinjuri u saċerdoti, sar indirizz tal-okkażjoni mis-Sur Nazzareno Calleja, mis-Sur Bennie Mercieca, mill-Arċpriet Giuseppi Grech u min-Nunzju Appostoliku, li ġie mogħti frame tal-fidda bir-ritratt tar-Rotunda l-ġdida. Wara li tbierek is-salib, ġie intonat it-Te Deum min-Nunzju waqt li s-salib kien imwassal sal-quċċata tal-knisja mill-imgħallem Ġużeppi Vella, mill-assistent tiegħu Zakkarija Cilia u minn Dijonisju Tabone.

Hekk kif is-salib kien fil-għoli, in-nies kollha tax-Xewkija u eluf ta' persuni minn Għawdex kollu u minn Malta fil-pjazza tax-Xewkija, ċapċpu bil-ferħ fost il-kant, id-daqq tal-qniepen u tal-Banda tax-Xewkija u l-ħoss u l-eku qawwi tal-murtali fis-sema.

Fis-7pm il-Banda għamlet marċ trijonfali sal-każin tagħha fejn sar riċeviment lussuż b'tifkira ta' din l-okkażjoni straordinarja u indimentikabbli li matulha nġabret is-somma ta' £466 għall-ispejjeż tal-istess funzjoni kif ukoll għall-bini tar-Rotunda.



Sollennità della Benedizione e Deposizione della Croce sulla Cupola della Nuova Rotunda di Xewkija Gozo

Adì 31 Maggio 1970 ore 4.30 p.m. arrivò da Malta il Nunzio Apost. per Malta Mons Arcivescovo Tit. Mons Gius. Majoli e Mons Nicola Cauchi Vescovo Amministratore Apost. per Gozo, scortati da motori e poi, dal Round-About accompagnato dalla Cavalleria e Fil. Il Precursore, dalla Croce posta su una vettura ornata a bella posta, precedendo dinanzi al Nunzio.
Alle 5 p.m. La Croce in mezzo alla piazza, dinanzi ad un palco dove c'era il Nunzio Ap. il Vescovo Mons Nicola Cauchi, l'Arcip. mons e sacerdoti, si fece un indirizzo di circostanza dal Sac. Nazzareno Calleja, Sac. Bennie Mercieca, Arcip. Gius. Grech ed il Nunzio Apost. al quale fu regalato un frame d'argento col ritratto della Nuova Rotunda. Benedetta la Croce fu intonato il Te Deum dal Nunzio, mentre la Croce fu depositata in cima della Chiesa dal muratore Gius. Vella, suo assistente Zaccaria Cilia e Dionisio Tabone —
Mentre la Croce fu in alto tutta la gente di Xewkija e migliaja di persone da tutto Gozo e da Malta in piazza di Xewkija applaudirono di gioia tra il canto ed il suono di campane e Filarmonica di Xewkija ed il suono e rimbombo forte di razzi in cielo.
Alle 7 p.m. la Fil. fece una marcia trionfale sino al suo Casino dove si fece un lauto trattenimento in memoria di questa indimenticabile e straordinaria circostanza, in cui furono raccolte £466.0.0 per tale festa e per la fabbrica della Rotunda di Xewkija
AGh

**Kitba Arċ Grech**
**Tlugħ tas-Salib**
**31 ta' Mejju 1970**